**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anglu Farrugia fis-Seduta 155 tas-16 ta' Ottubru 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-ilment imqajjem mill-Onor. Ivan Castillo fis-Seduta 154 tal-11 ta' Ottubru 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li saru lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, dwar kilometri ta' art mibnija u mhux mibnija, u nikkwota:

> "**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek u tas-Sedja għal mistoqsijiet parlamentari li saru lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi; mistoqsijiet numru 9,779, 10,116 u 10,281. Dawn saru diversi drabi; saru kważi erba' xhur ilu. F'rulings li inti stess tajt, kemm illum, kemm fis-26 ta' Ġunju, kif ukoll rulings oħrajn bħalma tajt fl-24 ta' Jannar, inti dejjem esiġejt li jingħataw risposti fi żmien raġonevoli. Però naħseb li wasal iż-żmien li nibdew nistipulaw kemm huwa dan iż-żmien raġonevoli li qed nirreferu għalih."

Is-Sedja tinnota illi bħalma għamlu kollegi oħra qablu, l-Onor. Castillo rrefera wkoll għar-ruling tieghi tas-26 ta' Ġunju 2023. F'dak ir-ruling il-pożizzjoni u l-poteri tas-Sedja f'dak li ghandu x'jaqsam ma' tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari hija ċara: "...hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom." Dan il-punt huwa spjegat ċar f'diversi rulings, anke ta' Speakers preċedenti, li s-Sedja rreferiet diversi drabi għalihom.

Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija mill-Ministru għax-Xogħlijiet u l-Ippjanar għall-mistoqsijiet parlamentari ċitati mill-Onor. Castillo u tinnota illi fit-tliet istanzi l-Ministru ta tweġiba interim, fejn indika illi l-informazzjoni għadha qiegħda tinġabar u li ser tingħata f'seduta oħra. Kif spjegat fir-ruling tas-Sedja mogħti fil-bidu tas-seduta ta' dakinhar stess, ma hemm xejn milli jwaqqaf Ministru milli jagħti tweġiba 'interim' għal mistoqsijiet parlamentari li jkunu sarulu, pereżempju meta l-informazzjoni mitluba tirrikjedi ammont ta' żmien u ta' riżorsi biex tinġabar.

L-istess bħalma għamlet is-Sedja fir-ruling tagħha tas-seduta tal-11 ta' Ottubru u diversi drabi oħra, tieħu l-opportunità li ssostni dwar 1-importanza tar-rwol tal-mistoqsijiet parlamentari u l-obbligu li għandhom il-Ministri li jirrispondu l-mistoqsijiet li jsirulhom, u dan fi żmien raġjonevoli.